

# Żewġ Oratorji għaż-żgħażagħ Mostin

Dr George Cassar

Il-Mosta għandha żewġ oratorji li ilhom għal ħafna snin jiġbru tfal u żgħażagħ biex jagħtuhom formazzjoni u direzzjoni għall-ħajja. Huma żewġ opri ta' importanza kbira u li għal dawk kollha li attendew f'xi wieħed minnhom, żgur li ħallew marka fuq il-karattru u l-mod kif jaħsbu. Għalhekk twaqqfu u hekk għamlu u għadhom jagħmlu permezz tal-ħidma tagħhom ta' kuljum fost dawk li jattendu l-laqgħat li jorganizzaw. Dawn iż-żewġ oratorji huma ddedikati wieħed lill-Qalb ta' Ġesù u l-ieħor lil Marija Immakulata.



*Id-direttur tal-Oratorju, Dun Karm Sciberras (ħajr lis-Sa Marija Vella)*

## Oratorju Qalb ta' Ġesù

Kien Dun Karm Gauci li ġietu l-idea li jwaqqaf oratorju għat-tfal. Dar għall-għajnuna ta' Dun Ġorġ Preca (illum San Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti) li laqa' bil-ferħ din it-talba. Dan l-Oratorju beda jaħdem fis-7 ta' Ġunju 1914 iżda maż-żmien inħass li kellu jinbena wieħed ġdid. Kien Dun Pawl Mallia, l-Arċipriet tal-Mosta, li waqqaf kumitat imħallat biex jaħsbu fuq dan il-proġett. Il-flus biex tinxtrara l-art ġew minn ħafna benefatturi. Ix-xogħol fuq il-pjanta ġie fdat f'idejn il-Perit Annetto Mifsud Ellul u l-bini ħa ħsiebu Mastru Salvatore Zahra. Fil-11 ta' Novembru 1928 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Oratorju li naraw illum u l-bini ntemm fl-1935. Dun Karm Sciberras, id-Direttur tal-Oratorju u numru ta' benefatturi ħadmu u ħabirku biex ix-xogħol jitlesta. L-Oratorju ġie nawgurat fit-8 ta' Ġunju 1940 mill-Arċisqof Maurus Caruana li ħass li kellu jkun preżenti bħala rikonoxximent għax-xogħol li għamel Dun Karm, id-Direttur ta' dan l-Oratorju. Kien l-għada, 9 tax-xahar, li saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù u l-quddiesa solenni tqaddset minn Monsinjur Dun Pawl Mallia, li qabel kien serva bħala Arċipriet tal-Mosta, assistit minn Dun Edgar Salomone, li xi żmien qabel kien Direttur ta' dan l-Oratorju, u Dun Karm Sciberras, id-Diretter f'dak iż-żmien.



*L-Oratorju Qalb ta' Ġesù mżejjen f'ġurnata ta' festa (ħajr Parroċċa Mosta)*

Il-kumpless ta' dan l-Oratorju tas-subien kien jinkludi kappella u teatru żgħir.



*Il-ħabrieki direttur Dun Anġ Camilleri (Ritratt Victor B. Caruana)*

L-artal fil-kappella ġie kkonsagrat nhar il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, 11 ta' Lulju 1965, kwart ta' seklu mit-tberik tal-Oratorju. Kien mexxa din iċ-ċerimonja l-Isqof Emmanuel Galea u l-għadam li tpoġġew f'dan l-artal huma tal-San Gratus u San Jucundus.

Aktar 'il quddiem il-kumpless sarulu modifikazzjonijiet biex jiżdiedu numru ta' kmamar oħra. Dan kien jinkludi l-bini ta' ċentru għaż-żgħażagħ fl-1960, u żewġ sulari oħra, wieħed fuq kull naħa tal-kappella. Dawn saru fl-1962 u fl-1967 b'modifikazzjonijiet oħra jsiru fit-teatru fl-1973. Dan kien xogħol li ħadu ħsiebu l-Periti Arthur Cutugno u Lawrence Gatt. Hemm ukoll żewġ grawndijiet għall-isport għas-subien li jattendu f'dan il-post. Il-kappella, li hi mdaqqsa, għandha artal wieħed u numru ta' pitturi u statwi. It-teatru hu mgħammar b'palk għat-teatrini u għadu jintuża għal attivitajiet varji sal-lum. Fis-sena 2015 it-teatru ġie mmodernizzat u x-xogħol ta' koordinament kien fdat f'idejn Karl Parnis.

L-Oratorju ta sehmu fil-ħajja tal-Mosta u dan għamlu kemm bit-tagħlim tad-duttrina lit-tfal u kif ukoll bil-formazzjoni lil żgħażagħ f'diversi oqsma. Għamel il-parti tiegħu ukoll matul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija meta ta kenn lil numru ta' rifuġjati. Intlaqat ukoll fl-20 ta' Jannar 1942 meta bomba tal-għadu waqgħet f'nofs il-misraħ li hemm quddiemu.

Fl-1 ta' Jannar 2000 ġiet inawgurata statwa tal-millenju. Din tikkonsisti f'żewġ figuri – hemm tifel li qed joffri fjura lil Kristu. Dan hu xogħol fil-bronż maħdum minn *Caggiati Fonderia D'Arte* tal-Italja. L-istatwa hi tifkira ta' Mons. Carmelo Sciberras u n-neputija tiegħu Grace Sciberras mill-Istati Uniti, persuna li ħalliet parti sostanzjali minn ġidha lill-Oratorju. L-istatwa li saret kienet xewqa biex tibqa' tifkira ta' dawn iż-żewġ persuni.

L-Oratorju tal-lum hu kumpless ta' attivitajiet għax jospita fih numru ta' gruppi b'għanijiet diversi. Barra l-klassijiet għat-tagħlim regolari tad-duttrina Nisranija, matul is-snin ospita wkoll l-Għaqda tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika li l-fergħa tal-irġiel tagħha twaqqfet fl-Oratorju. Kien hemm ukoll l-Għaqda Studenti Mostin li twaqqfet fl-1958 u li ġabret fiha żgħażagħ mill-iskejjel fil-livell sekondarju. Hemm imbagħad il-Kor Santa Ċeċilja, imwaqqaf fl-1958, li hu stabbilit u li jieħu sehem fost oħrajn fid-diversi okkażjonijiet li jkollha l-parroċċa. Fi snin riċenti kien twaqqaf ukoll l-Kor tal-Ommijiet magħmul minn ġenituri li kellhom uliedhom fil-klassijiet tad-duttrina.

Fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa tittella' mejda tal-Appostli li tinkludi fiha tlettax-il figura li jirrappreżentaw lil Kristu u l-Appostli. Dawn huma daqs ta' bniedem, saru fil-bidu tas-snin disgħin tas-seklu għoxrin u tpittru mill-pittur Għawdxi George Apap. Kienu ġew imħallsa mill-Għaqda Talent Mosti bħala apprezzament għax-xogħol fejjiedi mat-tfal u ż-żgħażagħ li jsir f'dan l-Oratorju. Ikun hemm ukoll sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira li huma mudellati fuq is-sett li joħroġ fil-purċissjoni mill-parroċċa. L-istatwi huma xogħol Ġużeppi Fenech li ried li wara mewtu uliedu jibqgħu jarmaw dan is-sett fl-Oratorju.

Għal ħafna snin il-ħabrieki Dun Anġ Camilleri (1930-2009) li kien magħruf mal-Mostin bħala 'iż-Żgħir', ħa ħsieb kollox f'dan l-Oratorju. Ħa ħsieb it-teatrin, il-logħob u t-tagħlim għal dawk il-ġuvintur u subien li kienu jmorru l-Oratorju. Kienu jiġu murija films u jintlagħab il-ballun. Fis-sena 2003-4 il-grawnd tal-futbol inkesa b'*turf* artifiċjali u tpoġġa tagħmir sportiv.

Illum l-Oratorju hu ċentru ta' attivitajiet u laqgħat varji li jittellgħu hemm fuq inizjattiva tal-parroċċa.

## L-Oratorju Marija Immakulata

Kien Dun Karm Gauci li ħaseb li jinfetaħ ċentru għat-tagħlim tal-bniet. Anki dan, kien bl-għajnuna ta' Dun Ġorġ Preca u nfetaħ fit-13 ta' Awwissu 1914. Xi żmien wara, Dun Karm ħa t-tmexxija kollha ta' dan il-post f'idejh. Kien isir tagħlim tad-duttrina u f'xi żmien serva wkoll biex jilqa' xebbiet kbar li xtaqu jitgħallmu l-iskola u għalhekk kienu jingħataw lezzjonijiet fil-kitba u l-qari. Kien hemm ukoll faċilità għat-tagħlim tal-bizzilla, rakkmu, tifsil u ħjata. L-Oratorju beda f'dar kbira

msejjħa 'tan-Nutar' fi Triq il-Kbira, viċin l-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab f'din it-triq. Din id-dar kellha tagħti spazju lir-refuġjati tat-Tieni Gwerra Dinjija u f'dawk is-snin it-tagħlim baqa' jsir għand is-Sorijiet Agostinjani.


Id-dar li ngħatat biex issir l-Oratorju Marija Immakulata (ħajr Parroċċa Mosta)

Kien fl-1974 li ġiet l-opportunità li l-Oratorju jiċċaqlaq ġo dar oħra. F'Mejju ta' dik is-sena ġiet mgħoddija lill-Knisja dar fi Triq it-Torri biex issir ċentru ta' tagħlim għal tfal bniet, xbejbiet u nisa. Kienu tliet aħwa kunjomhom Borg li riedu jħallu din id-dar għal dan l-iskop wara mewthom. Ġiet miftuħa fit-12 ta' Awwissu 1975 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u ngħatat l-isem ta' Oratorju Marija Immakulata.

L-ewwel Direttur tal-Oratorju l-ġdid kien Dun Salv Sammut li kien jgħinu Dun Alfred Camilleri. Sar xogħol biex inbnew faċilitajiet sportivi u nġiebet l-għamara neċessarja. Twaqqfu l-Kor Shalom, id-*drama circle*, u l-unit tal-isport. Fit-12 ta' Awwissu 1989 ġiet imbierka s-Sala Papa Wojtyla mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca.

L-Oratorju Marija Immakulata hu post attiv ħafna. Kull min jaħdem fih għandu entużjażmu kbir. Barra t-tagħlim tad-duttrina, jsiru laqgħat ta' formazzjoni għall-istudenti u għall-membri adulti. Il-Kor Shalom hu sinonimu ma' dan l-Oratorju. Il-Kor kien twaqqaf minn Dun Alfred Camilleri fl-1974 u kanta għall-ewwel darab fil-purċissjoni ta' Santa Marija f'dik is-sena.

L-Oratorju għadu għaddej sal-lum bl-istess ritmu ta' entużjażmu li beda bih. Fl-2014 ingħata Ġieh il-Mosta.


